MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 634/2012

**Phyllis Farrugia (K.I. 506363 M)**

**u b'digriet datat is-27 ta' Mejju, 2014,**

**Filippa Maria Farrugia sive Phyllis**

**vs**

**Attard Services Limited**

**(C 4113)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-20 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` intimata ghandha taghti lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u hamsin elf, sitt mija u hamsin Ewro, (€58,650.00), rapprezentanti l-prezz ta' servizzi professjonali rezi mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata ghall-perjodu Gunju, 2005 sa Frar, 2011, eskluz il-VAT, u dan, fuq ordnijiet ta' l-istess socjeta` intimata;

1.2 Illi s-socjeta` intimata dejjem irrikonoxxiet lir-rikorrenti bhala konsulent taghha;

1.3 Illi l-istess socjeta` dejjem iddikjarat li kienet sodisfatta bl-istess servizzi professjonali minnha lilha rezi tant, li r-rikorrenti baqghet titqabbad mill-istess socjeta` konsistentement tul diversi snin;

1.4 Illi fl-2011 l-istess socjeta` anke wasslet biex tipproponi lir-rikorrenti kuntratt bil-miktub, liema kuntratt gie iffirmat fit-28 ta' Frar, 2011, (ara foll 5);

1.5 Illi l-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti baqa` fis-sehh sal-31 ta' Dicembru, 2011, meta gie verbalment itterminat;

1.6 Illi bejn Jannar u Marzu 2012 saru diversi laqghat bejn il-partijiet biex jigi stabbilit il-kumpens li r-rikorrenti kellha tircievi minghand is-socjeta` intimata ghas-servizzi professjonali tul il-perjodu fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.) aktar qabel), u nonostante li gie anke redatt abbozz ta' ftehim, dan baqa` ma giex konkretizzat, (ara foll 9);

1.7 Illi nonostante li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex tersaq ghall-hlas minnha dovut, baqghet inadempjenti;

1.8 Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti u tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' disgha u sittin elf mitejn u seba` Ewro, (€69,207.00), komposti minn tmienja u hamsin elf sitt mija u hamsin Ewro, (€58,650.00), u l-VAT relattiv ta' ghaxart elef, hames mija u sebgha u hamsin Ewro, (€10,557.00), jew ammont iehor verjuri kif deciz minn din il-qorti;

1.8.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva fuq indikata rapprezentanti il-prezz ta' servizzi professjonali rezi mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata u l-VAT relattiv ghall-perjodu minn Gunju, 2005, sa Frar, 2011, jew dik is-somma verjuri deciza minn din il-qorti;

1.8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-interessi kummercjali skont il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-23 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament wiegbet bil-mod segwenti:

2.1. Illi jkun idoneu li ssir korrezzjoni fl-okkju *stante* li isem ir-rikorrenti ma jikkorrispondix ma' dak li jidher fil-karta ta' l-identita` numru 506363 (M);

2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, m'hu dovut l-ebda hlas jew kumpens ta' kwalsiasi natura lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata;

2.4. Illi fil-5 ta' Gunju, 2012, inharget garanzija bankarja favur ir-rikorrenti wara mandat ta' sekwestru datat 1 ta' Gunju, 2012, (ara foll 27);

2.5. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess risposta guramentata kontra r-rikorrenti;

3. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 165);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-26 ta' Mejju, 2014, (ara foll 166),

5. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, wara rikors appozitu tar-rikorrenti datat is-26 ta' Mejju, 2014, awtorizzat il-korrezzjoni hemm rikjesta, (ara foll 171 u 172);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata l-23 ta' Gunju, 2014, (ara foll 175);

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

9. Semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti kienet tippresta s-servizzi professjonali taghha fil-perjodu bejn Gunju, 2005 sa Frar, 2011;

10.2. Illi tali relazzjoni professjonali bejn il-kontendenti tirrizulta li bdiet meta s-socjeta` intimata li kellha tilwima mall-Korporazzjoni EneMalta ddecediet li tingagga lir-rikorrenti meta ddecidiet li tappella mid-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, (ara foll 54, 56, 57 u 59);

10.3. Illi r-relazzjoni professjonali zviluppat f'wahda intensa fejn jidher li kien fl-istess kalibru ta' professjonisti ohra intizi ferm fil-qasam tad-dritt Ewropew, (ara foll 62 u 90);

10.4. Illi jidher li l-kontribut professjonali tar-rikorrenti kien determinanti *stante* li l-appell inoltrat kontra d-decizjoni tal-Awtorita` fuq indikata, (ara paragrafu numru ghaxra punt

tnejn, (10.2.) kellu ezitu pozittiv ghas-socjeta` intimata, (ara foll 54 u 74);

10.5. Illi konsegwentement, rizultat ta’ dan l-ezitu pozittiv riskontrat, ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata bdiet tapprofondixxi ruhha aktar, (ara foll 54 u 75);

10.6. Illi s-servizzi professjonali moghtija mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata kienu ta’ l-istess livell ta’ professjonisti legali ohra t’esperjenza kbira fil-kamp in dizamina, (ara foll 54 u 78);

10.7. Illi l-pressjoni fuq ir-rikorrenti mis-socjeta` intimata tirrizulta li kienet kostanti, persistenti u inpenjattiva hafna, (ara foll 54, 75, 76 u 78);

10.8. Illi s-servizzi professjonali tar-rikorrenti baqghu jigu utilizzati mis-socjeta` intimata sakemm inqalghu problemi rigwardanti il-pagament dovut lir-rikorrenti ghas-servizzi professjonali taghha lis-socjeta` intimata;

10.9. Illi nonostante diversi sforzi fir-rigward il-ftehim awspikat baqa` ma ntlahaqx;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi s-socjeta` intimata intavolat zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari li jirrikjedu l-attenzjoni dovuta, senjatament: (ara foll 21)

11.1. Wahda li tirrigwarda korrezzjoni fl-okkju tal-kawza;

11.2. Wahda rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet fuq citati;

Ikkunsidrat:

12.0. **L-Eccezzjonijiet rigwardanti l-korrezzjoni fl-okkju:**

12.1. Illi din kienet tirrigwarda isem ir-rikorrenti li, kif indikat fir-rikors promotur, ma kienx jirrifletti dak kif indikat fil-karta ta' l-identita taghha;

12.2. Illi wara l-korrezzjoni rikjesta bir-rikors datat is-26 ta' Mejju, 2014, u il-korrezzjoni dekretata fis-27 ta' Mejju ta' l-istess sena, din l-eccezzjoni m'ghadx ghandha validita` u konsegwentement, *stante* li ghalhekk superata, qeghda issa tigi sorvolata anke bi qbil bejn il-kontendenti, (ara foll 167 u 177);

Ikkunsidrat:

13.0. **L-Eccezzjoni dwar il-preskrizzjon *ai termini* tal-artiklu 2149 (c) tal-Kap 16 pre-citat:**

13.1. Illi l-artiklu citat mis-socjeta` intimata fuq indikat jistabilixxi fost l-ohrajn li l-azzjoni kkoncernata, senjatament dik ta' persuni li jezercitaw professjonijiet – u allura bhal dik t'ekonomista specjalizzata, bhal ma' hi dik tar-rikorrenti – ghad-drittijiet taghha u ghall-ispejjez, hi preskritta bl-eghluq ta' sentejn (2);

13.2. Illi pero` f'dan il-qasam japplika wkoll l-artiklu 2125 tal-istess Kap 16 li jistabilixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni indikat fil-paragrafu precedenti jkun sospiz:

> "(d) kwantu ghal azzjoni ghad-danni, matul dak iz-zmien qabel ma ssir il-kawza li fih ikunu qeghdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi whud

minnhom jew l-assiguraturi taghhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin";

13.3. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:

13.3.1. Illi r-relazzjoni kummercjali professjonali bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata tabbracca l-perjodu bejn Gunju, 2005 u Frar 2011, (ara foll 54 u 94);

13.3.2. Illi mill-*e-mails* prodotti *in atti* mir-rikorrenti jirrizulta li kien hemm trattattivi u negozjati kontinwi ghaddejjin bejn il-partijiet biex jippruvaw jasslu ghal ftehim sodisfacenti li sfortunatament ma intlahaqx;

13.3.3. Illi din is-sensiela t'*e-mails* tista` tigi elenkata kif gej:

13.3.3.i. 11 t'Awwissu, 2005, (ara foll 57);

13.3.3.ii. 16 t'Awwissu, 2005, (ara foll 59);

13.3.3.iii. 14 ta' Settembru, 2005, (ara foll 60);

13.3.3.iv. 31 ta' Dicembru, 2005, (ara foll 63);

13.3.3.v. 16 ta' Jannar, 2006, (ara foll 64);

13.3.3.vi. 20 ta' Jannar, 2006, (ara foll 66);

13.3.3.vii. 8 ta' Mejju, 2006, (ara foll 67);

13.3.3.viii. 21 ta' Mejju, 2006, (ara foll 68);

13.3.3.ix. 22 ta' Mejju, 2006, (ara foll 70);

13.3.3.x. 31 ta' Mejju, 2006, (ara foll 72);

13.3.3.xi. 3 ta' Lulju, 2006, (ara foll 73);

13.3.3.xii. 26 ta' Frar, 2007, (ara foll 74);

13.3.3.xiii. 10 ta' Lulju, 2007, (ara foll 75);

13.3.3.xiv. 7 t'April, 2009, (ara foll 79);

13.3.3.xv. 17 ta' Novembru, 2009, (ara foll 78);

13.3.3.xvi. 13 t'April, 2010, (ara foll 81);

13.3.3.xvii. Garanzija bankarja rilaxxata mis-socjeta` intimata favur ir-rikorrenti datata l-5 ta' Gunju, 2012, (ara foll 27);

13.3.3.xviii. Kontro-mandat wara sekwestru datat l-1 ta' Gunju, 2012, (ara foll 24);

13.3.3.xix. Ittra ufficjali intavolata mir-rikorrenti kontra is-socjeta` intimata datata l-20 t'April, 2012, (ara foll 12);

13.4. Illi minn ezami tad-dati fuq elenkati jirrizulta li l-perjodu ta' sentejn (2) postulat fl-artiklu 2149 (c) tal-Kap 16 fuq riferit qatt ma gie superat;

13.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li il-perjodu preskrittiv rikjamat mis-socjeta` intimata ma jirrizultax li ddekorra;

13.6. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna mhix preskritta;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fuq il-mertu tal-vertenza odjerna ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

14.1. Illi mill-analisi tar-relazzjoni professjonali percepita bejn il-kontendenti u mill-gudizzju pozittiv moghti mill-professjonisti l-ohra li missew mar-rikorrenti, (ara foll 84, 86, 90 u 94), jirrizulta li:

"... il-livell ta' servizz illi tat kien ta' livell tajjeb hafna";

14.2. Illi skont l-*accountant* tas-socjeta` intimata jirrizulta li kull fattura li harget ir-rikorrenti dejjem thallset minnufih, (ara foll 137), ghalkemm fil-paragrafu immedjatament ta' wara tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu dan jikkontradixxi lilhu innifsu u minflok isostni li r-rikorrenti qatt ma kienet tghaddi

fattura jew ricevuta fiskali ghall-pagamenti lilha maghmula, (ara wkol foll 137);

14.3. Illi li jirrizulta komunement assodat hu is-segwenti:

14.3.1. Illi r-rikorrenti kienet ingaggata bhala konsulent ekonomiku specjalista fil-qasam partikolari riskontrat;

14.3.2. Illi damet hekk tigi utilizzata mis-socjeta` intimata ghall-perjodu bejn Gunju, 2005 sa Frar, 2011;

14.3.3. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata kienet effettwat xi pagamenti lir-rikorrenti ghas-servizzi rezi, (ara foll 137), jirrizulta assodat li r-rikorrenti tinsisti li dan kien pagament *in parte* u kienet qed tinnegozja pakkett remunerattiv mall-istess socjeta` intimata, liema pakkett pero` qatt ma wasal;

14.3.4. Illi jirrizulta li sahansitra kien ukoll gie redatt abbozz ta' ftehim, li pero` qatt ma' gie konkretizzat, (ara foll 9);

Ikkunsidrat:

15. Illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti ghas-servizzi professjonali delikati u profikwi minnha rezi lis-socjeta` intimata tul il-perjodu ta' aktar minn sitt (6) snin jirrizulta li hu verosittili;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat it-talbiet taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi ir-risposti kollha, inkluzi dawk preliminari, sollevati mis-socjeta` intimata takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghalhekk:

**DECIDE:**

16.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Attard Services Limited hi debitrici tar-rikorrenti Filippa Maria Farrugia sive Phyllis fl-

ammont komplessiv ta’ disgha u sittin elf mitejn u seba` Ewro, (€69,207.00), kompost minn tmienja u hamsin elf sitt mija u hamsin Ewro, (€58,650.00), u l-VAT relattiv ta’ ghaxart elef, hames mija u sebgha u hamsin Ewro, (€10,557.00);

16.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata fuq riferita biex thallas lir-rikorrenti fuq ukoll indikata is-somma komplessiva indikata fil-paragrafu precedenti rapprezentanti il-prezz ta’ servizzi professjonali rezi mir-rikorrenti lis-socjeta` intimata u l-VAT relattiv ghall-perjodu minn Gunju, 2005, sa Frar, 2011;

16.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-interessi kummercjali skont il-ligi mill-20 t’April, 2012, data ta’ l-ittra ufficjali, li effettivament tat bidu ghall-procedura odjerna, sad-data tal-effettiv pagament kontra is-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------